Settembru 2014 • Vol 21 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



Newspaper Post

Advert inside Front

Settembru 2014 • Vol 21 • Nru. 3

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




Ritratt: Sezzjoni tal-Fotografija

# WERREJ

5 Editorjal

7 Dan l-aħħar…

9 Kommemorazzjoni f'għeluq iċ-ċentinarju mill-qtil tal-Kuntistabbli 201 Santo Cassar (1867-1914)

12 Kif Twassal Notifika ta' Mewt

17 Frontex Canine Instructor

23 Kont taf li…

25 Pagna għat-tfal

27 Għajnuniet diġitali fl-infurzar tal-Pulizija

29 200 sena - Anniversarju Pullout

45 L-'Advanced Passenger Information System' (API)

47 L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta

48 Is-Servizz tal-Ħelikopter

52 Apprezzamenti

54 Attivitajiet Sportivi fil-qrib

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin

7



17



29



54




IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Assistent Kummissarju Mario Spiteri
**Editur:** Spettur Graziella Muscat
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

Advert



Spettur Graziella Muscat

Dan hu l-editorjal ta' wara Jum il-Pulizija, jiġifieri wara l-mitejn anniversarju, u min jaf il-qarrejja tagħna kemm ser ifittxu fil-paġni tan-nofs biex jaraw ir-ritratti marbuta ma' dan l-anniversarju. Naf ukoll kemm membri tal-Korp ikunu entużjasti sabiex jaraw jekk kienx hemm xi ruħ tajba li bagħtet xi apprezzament dwarhom u li jiġi ppubblikat. Fuq nota tajba u ħażina fl-istess ħin, apprezzamenti jkollna ħafna, tant li sfortunatament ma nistgħux nippubblikawhom kollha għax m'għandniex biżżejjed spazju.

Għal dawk li jqallbu dawn il-paġni biex jaraw ir-ritratti biss, ngħidilkom, li bħas-soltu għandna artikli interessanti, fosthom dak ta' Khalil Stelmart, ta' kif twassal notifika ta' mewt, li min jaf kemm kien hawn min għadda minnha, jew għad jgħaddi. Dan l-artiklu jista' jgħati risposti għal mistoqsijiet, li meta jiġi l-waqt ma jkun hemm ħadd biex jagħti risposti għalihom. Artiklu li żgur kull membru tal-Korp li jirċievi dan il-magażin ser isibu utli, jinsab fis-sezzjoni 'Kont Taf Li…', miktub mis-Surġent Maġġur Joseph Farrugia (Riżorsi Umani), li fih qed iwieġeb għal kull (jew kważi kull) mistoqsija li intom il-membri tistaqsu lill- H.R dwar is-sick leave. Is-Surġent Maġġur Farrugia ser jerġa' jikteb fl-edizzjonijiet li ġejjin dwar il-vacation leave. Hu tajjeb li tali artikli jinqraw u ssir referenza għalihom meta jinqala' l-bżonn.

Fl-aħħar, xtaqt infakkar il-memorja tas-Surġent Saviour Muscat u l-Kuntistabbli Joseph Hare, li tilfu ħajjithom fl-età ta' 30 u 24 sena rispettivament waqt il-qadi ta' dmirijiethom nhar is-7 ta' Settembru 1984, minħabba splużjoni. Huma kienu abbord patrol boat tal-Forzi Armati ta' Malta flimkien ma' ħames suldati, biex jiddistruġġu materjal splussiv u illegali li kien ġie kkonfiskat.

Advert

Advert

# Dan l-aħħar…

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU



Fit-13 ta' Ġunju 2014, is-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija introduċiet kelb ta' erba' snin tar-razza Belgian Shepard u li ngħata l-isem ta' Ziggy.

Dan il-kelb mistenni jieħu sehem fi programm ta' breeding għall-Korp tal-Pulizija, u dan minħabba li hi kelba eċċellenti fejn jidħol il-pedigree tagħha. Klieb bħal Ziggy jiġu wżati għal xogħol relatat max-xamm ta' splussiv, drogi u sustanzi, kif ukoll tfittxija għal persuni u xamm ta' armi.

Dan il-kelb inġab Malta mill-Awstrija, grazzi għall-MAAF – Malta Association of Airfreight Forwarders li sponzorizzaw it-trasport.





# Re-Instated

Fil-11 t'Awwissu, 2014, għal darba oħra reġgħu ngħaqdu mal-Korp tal-Pulizija grupp ta' 11-il persuna. Huma ħadu l-ġurament fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Preżenti għal din iċ-ċerimonja qasira kien hemm il-Ministru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali, Dr Emmanuel Mallia LL.D kif ukoll l-Aġent Kummissarju s-Sur Raymond Zammit.



Advert

# Kommemorazzjoni f'għeluq iċ-ċentinarju mill-qtil tal-Kuntistabbli 201 Santo Cassar (1867-1914)

Mill-Assistent Kummissarju Mario Spiteri

Nhar is-Sibt 2 ta' Awwissu, 2014, il-Korp tal-Pulizija flimkien mal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Għawdex ikkommemoraw iċ-ċentinarju minn meta l-Kuntistabbli 201 Santo Cassar, miet wara li ntlaqat minn tiri ta' arma tan-nar fiż-Żebbuġ, Għawdex stess.

Is-servizz ta' kommemorazzjoni beda b'quddiesa fil-kappella tal-Għassa tar-Rabat, li ġiet ikkonċelebrata minn Dun Emanuel Curmi, il-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija f'Għawdex. Wara, fil-pjazza taż-Żebbuġ, saru xi diskorsi kemm mill-Assistent Kummissarju Mario Spiteri, mis-Sindku taż-Żebbuġ u mill-Onor. Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, Dott. Emanuel Mallia. Wara li l-Ministru kixef irħama li tfakkar dan l-avveniment, tqiegħdu wkoll kuruni tal-fjuri mal-ħajt tal-Għassa mill-Ministru nnifsu, mill-Aġent Kummissarju Raymond Zammit, mis-Sindku taż-Żebbuġ Nicholas Saliba, mis-Supretendent Antonello Grech f'isem il-Pulizija Għawdxin u mill-familjari tal-Kuntistabbli Santo Cassar.

Dan li ġej hu d-diskors li nqara mill-Assistent Kummissarju Spiteri għal din l-okkażjoni:

"Onor. Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, Dott. Emmanuel Mallia,
Sindku taż-Zebbuġ, Għawdex,
Aġent Kummissarju tal-Pulizija,
Assistenti Kummissarji,
Uffiċjali,
Sinjuri,



Iltqajna hawn illejla, ftit ġranet wara li fit-12 ta' Lulju li għadda, iċċelebrajna l-anniversarju tal-200 sena mit-twelid tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Bħal kull entità oħra mgħobbija ftit biż-żmien, l-anniversarju tagħna ġab miegħu diversi tifkiriet, kemm dawk sbieħ, kif ukoll dawk koroh.

L-anniversarju li qegħdin nattendu għalih illum, hu wieħed minn dawn tal-aħħar u għaldaqstant, il-Korp tal-Pulizija ħass li kellu jagħti tislima xierqa lill-Kuntistabbli Santo Cassar, li mitt sena ilu nqatel waqt il-qadi tad-doveri tiegħu, wara l-ġurnata ta' qabel kien intlaqat minn tiri ta' arma tan-nar; hawnhekk, proprju fil-pjazza taż-Żebbuġ.

Kien għall-ħabta ta' nofsillejl neqsin kwart tal-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu 1914, meta l-Kuntistabbli bin-numru tas-








Advert






servizz 201, Santo Cassar, kien waqt ir-ronda tiegħu, preċiżament f'din il-pjazza, li dakinhar kienet magħrufa bħala Piazza Chiesa. Persuna jew persuni kodardi, li l-identità tagħhom għadha mistura sal-lum, kienu sparaw, mill-mogħdija magħrufa bħala 'Ta' Ċikku', - li tinsab ftit metri 'l bogħod fuq il-lemin tiegħi, - fid-direzzjoni tal-Kuntisabbli Cassar, fejn dan intlaqat b'żewġ tiri, waħda fuq spalltu u l-oħra direttament fuq sidru, li kkaġunawlu l-mewt ftit tas-sigħat wara, jiġifieri l-għada, 2 ta' Awwissu.

Hekk kif instemgħu t-tiri u nkiser skiet il-lejl, xi ġirien firxu minn djarhom biex jaraw x'kien seħħ, fejn mixħut fl-art lemħu lill-Kuntisabbli Cassar f'agunija, jieħu l-aħħar nifsijiet ta' ħajtu.

Minnufih, il-Kuntistabbli Cassar li kien għad kellu biss 47 sena, imwieled il-Belt Valletta, ittieħed minn xi persuni lejn l-Għassa, fejn tqiegħed fuq saqqu.

Fost dawk li għenu bis-sħiħ, insibu lil Antonio Cini, sid ta' ħanut li għamel dak kollu possibbli biex tiġi salvata l-ħajja tal-Kuntistabbli Cassar. Fl-għassa, il-Kuntistabbli Cassar ġie mdewwi mit-tobba Tomaso Cauchi u Nikola Tabone u wara assistewh sal-isptar t'Għawdex. Kienu għalxejn l-interventi li saru, għax il-Kuntistabbli Cassar tilef il-ġlieda mal-mewt kmieni l-għada maż-żernieq.

Immedjatment wara d-delitt, kien infurmat il-Maġistrat tal-Għassa, Dr Giovanni Cremona, li mexxa nkjesta u bdiet tittieħed ix-xhieda ta' dawk preżenti. L-investigazzjonijiet tal-Pulizija tmexxew mill-Ispetturi Carmelo Gauci u Vincenzo Theuma, fejn bħala miżura kienu ordnaw biex isseħħ tfittxija intensiva għall-arma tan-nar użata fid-delitt, fid-djar kollha tal-qrib. Għalkemm kienu elevati numru ta' armi tan-nar flimkien ma' munizzjon, dawn is-sejbiet ma' kienu wasslu għall-ebda konklużjoni. Tajjeb jingħad, li fi stqarrija li ttieħdet in "articolo mortis" quddiem il-Maġistrat Cremona, il-Kuntistabbli Santo Cassar, kien qal li hu kellu relazzjoni tajba ma' kulħadd u għaldaqstant ma seta' jissuspetta f'ħadd li seta' jasal biex jisparalu.

Il-funeral tal-Kuntistabbli Santo Cassar kien sar dakinhar tal-mewt tiegħu, fil-Katidral t'Għawdex u għalih kienu attendew diversi persunaġġi u awtoritajiet għoljin tal-gżira.

Il-każ tal-Kuntistabbli Cassar kien baqa' mhux solvut u baqa' jissemma' fuq fomm kulħadd għal diversi snin. Għalkemm kienu ferm qawwija s-suspetti fuq bniedem magħruf għall-karattru xejn tajjeb tiegħu, u li seta' kien hu l-qattiel tal-Kuntistabbli Cassar, dan ma wassal imkien. Iżda hekk kif għaddew ġimagħtejn mill-qtil tal-Kuntistabbli Cassar, ġara li s-suspettat ewlieni ġie rrappurtat li nqatel fl-Għarb, bl-istess mod, minn xi persuni li għal darb'oħra baqgħu wkoll mhux magħrufa.

Wara dan it-tieni delitt, għal diversi snin kienu bosta dawk li baqgħu jsemmu dawn iż-żewġ każi bħala l-każi tal-vendetta.

Għalhekk, ikun xieraq li llum, f'għeluq mill-100 sena minn meta l-Kuntistabbli Santo Cassar ħa l-aħħar nifsijiet ta' ħajtu, li l-Korp isellimlu u jagħtih rispett. Il-Kuntistabbli Santo Cassar hu l-ewwel uffiċjal tal-pulizija li ġie maqtul fuq xogħlu fis-seklu 20 u r-raba' wieħed minn seba' membri oħra tal-Korp, li nqatlu b'omiċidju waqt il-qadi ta' dmirijiethom, fil-200 sena ta' storja tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta".

mario.a.spiteri@gov.mt

# Kif Twassal Notifika ta' Mewt

*Minn Stelmart Khalil – ESP Unit Co-Ordinator Employee Support Programme Unit*

Wieħed mill-iktar aspetti diffiċli fix-xogħol tal-pulizija huwa meta jkollu jwassal aħbar ħażina bħal dik ta' mewt lill-qraba tal-vittma. Dawn iċ-ċirkostanzi jqanqlu ħafna emozzjonijiet għal dak li jkun qiegħed iwassal l-aħbar. Il-pulizija involut jista' jħossu mhux kompetenti biżżejjed biex ifarraġ lil dawn il-familjari f'mument hekk delikat meta jeħtieġu għajnuna speċjali. Apparti minn hekk, il-pulizija ma jkunx jaf x'reazzjoni ser isib hekk kif jinforma lill-familja; ir-reazzjoni tista' tkun waħda ta' rabja kbira, dispjaċir, kif ukoll ta' xokk. Dawn is-sitwazzjonijiet diffiċli jistgħu jħallu effetti trawmatiċi fuq il-pulizija involut, saħansitra jistgħu jaffettwawlu l-ħajja personali tiegħu.

Huwa neċessarju li min ser iwassal l-aħbar ikollu idea tal-proċess u r-reazzjonijiet possibbli li persuna tgħaddi minnhom meta tingħata aħbar trawmatika. Għalhekk l-ippjanar huwa importanti ferm meta tiġi biex tingħata aħbar ħażina. It-ton tal-vuċi, il-kliem li jintuża u l-mod ta' kif tiġi interpretata l-aħbar huma kruċjali u jridu jkunu maħsuba sew minn qabel. L-iskop ta' dan l-artiklu huwa li jżid iktar għarfien dwar prassi u prattiċi rakkomandati għal meta pulizija jrid iwassal l-aħbar ta' mewt. Huwa importanti ukoll li min qiegħed iwassal l-aħbar jifhem sew li l-persuna li qed taslilha aħbar ta' mewt, tgħaddi minn proċess ta' xokk li jista' jvarja minn individwu għall-ieħor. Għaldaqstant huwa importanti ferm li l-pulizija jipprepara lilu nnifsu għall kull tip ta' reazzjoni. Minkejja dan iżda, li twassal aħbar ta' mewt qatt mhi faċli u ġġorr magħha ħafna responsabbiltà.

Il-punti li ġejjin huma gwida li tista' tgħin lill-pulizija meta jkunu f'sitwazzjoni li jridu jwasslu aħbar ta' mewt lill-familjari tal-vittma.

1. Żur lill-familja b'mod personali
   - Dejjem agħti l-aħbar ta' mewt b'mod personali u QATT bit- telefon.
   - Agħmel mezz li l-aħbar tingħata b'mod personali anke jekk il-familjari joqogħdu 'l bogħod.
   - Ipprovdi mezz ta' trasport lil dawk il-familjari li m'għandhomx mod biex imorru jiddentifikaw lill-vittma, jew li mhumiex fi stat tajjeb li jsuqu.

2. Tħallix dewmien bla bżonn
   - Agħti l-aħbar mill-iktar fis possibbli.
   - L-ewwel kun ċert mija fil-mija, fl-identifikazzjoni tal-vittma.
   - Kun ċert li tinforma lill-familjari li joqogħdu fl-istess dar, kif ukoll lil xi familjari li ma jgħixux fl-istess dar, skont l-eżiġenzi tas-sitwazzjoni.

3. Tmurx waħdek
   - Idealment, għandhom dejjem ikunu żewġ persuni li jagħtu l-aħbar. Min ħa jirċievi l-aħbar jista' jesperjenza emozzjonijiet kbar u jirreaġixxi b'mod fiżiku, u għalhekk tajjeb li jkollok is-sapport ta' kollega f'sitwazzjonijiet partikolari.
   - Ippjanaw il-proċedura ta' kif ħa tagħtu l-aħbar. Qabel ma taslu, iddeċiedu min minnkom ħa jitkellem, x'ser jingħad u x'informazzjoni tistgħu tgħidu u x'informazzjoni ma tistgħux tiżvelaw.

4. Uża lingwaġġ sempliċi
   - Min qed jagħti l-aħbar irid jiddentifika ruħu b'mod ċar, jippreżenta l-provi tal-identifikazzjoni u jitlob li jidħol ġewwa. QATT TAGĦTI L-AĦBAR FUQ L-GĦATBA TA' BARRA.
   - Agħti l-messaġġ dirett billi tuża kliem sempliċi. Frażijiet bħal 'ma rnexxilux', jew 'ħalliena' jistgħu jħawdu lil persuna u tista' lanqas biss tinduna li kien hemm mewt, u taħseb li l-vittma għadha ħajja. Dan iwassal biex isofri doppju.
   - Sejjaħ lill-vittma b'ismu minflok tuża l-kelma 'l-katavru' jew 'il-vittma'.

5. Uri kompassjoni
   - Ftakar, li s-sapport u l-kompassjoni li juri l-pulizija waqt in-notifika tal-mewt huma importanti ħafna.
   - Aċċetta l-emozzjonijiet tal-familjari u tiegħek ukoll. Huwa aħjar li taqbiżlek demgħa milli turi ħarsa bierda u indifferenti.
   - Qatt tipprova twaqqaf lil persuni li jkunu għadhom kif ħadu l-aħbar ħażina milli juru l-emozzjonijiet ta' dieqa.
   - Oqgħod attent li ma timponix it-twemmin reliġjuż tiegħek fuqhom. Għal ħafna, kliem bħal 'hekk ried Alla', 'issa qiegħed ħdejn il-Bambin' jew 'nitolbu għal ruħu', mhumiex ta' għajnuna.
   - Ħu l-ħin biex tipprovdi informazzjoni, sapport u direzzjoni fuq x'ser jiġri wara li tajt l-aħbar. QATT TINFORMA U TITLAQ.
   - Idealment, tiħux oġġetti personali tal-vittma meta tkun qed tagħti l-aħbar; dawk jistgħu jinġabru wara.

Jekk bħala pulizija kont involut f'sitwazzjoni diffiċli li kellek twassal aħbar ta' mewt, u qed tħoss it-toqol ta' din is-sitwazzjoni, jew għandek ħsibijiet ta' ħtija jew li stajt tagħmel xi ħaġa iktar fis-sitwazzjoni, tista' tikkuntattja lill-Employee Support Programme fuq 2200 1210 fejn tista' titkellem ma' professjonisti biex jgħinuk.

magazine.police@gov.mt

Advert

Advert

# **2**00 Borża Demm
# Għall-**2**00 Sena Anniversarju

Bħala parti mill-attivitajiet tal-Biċentinarju tal-**Korp tal-Pulizija**, il-Korp flimkien mas-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm organizza diversi sessjonijiet ta' donazzjoni ta' demm mill-membri tal-Korp.

Nagħtu d-Demm, Nagħtu l-Ħajja

L-aħħar waħda ser tkun nhar **il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru**

Il-mira tagħna hi li nagħtu 200 borża demm rigal għal dawk fil-bżonn.

**Kun ġeneruż/a u agħti sehmek.**

Grazzi mill-qalb!

Malta National Blood Transfusion Service

200 Sena
Min-Nies Għan-Nies
1814 - 2014

Advert

# Frontex Canine Instructor

minn PS 41 Matthew Attard – Sezzjoni tal-Klieb

Għal darba oħra ġejt mitlub nikteb artiklu ieħor f'dan il-magażin tal-pulizija, din id-darba mhux dwar is-sezzjoni tal-klieb tal-pulizija inġenerali iżda dwar esperjenza ta' kors li għamilt mal-Frontex fejn ġejt ċertifikat bħala wieħed mill-*Frontex Canine Instructors* madwar l-Ewropa. Tajjeb nibda billi nispjega kif il-Frontex waslet biex tagħmel dan il-kors. F`dawn l-aħħar snin il-Frontex waqqfet proġett maniġerjali responsabbli u dedikat ħafna biex jinbena għarfien u *standards* ġenerali fix-xogħol kumpless tal-uffiċjal inkarigat li jaħdem bil-klieb u l-kelb innifsu. Dan il-proġett ġie aċċettat mill-pajjiżi kollha fi ħdan il-Frontex u wkoll minn pajjiżi oħra li mhux membri iżda li wrew l-interess tagħhom.

Dan kien proġett interessanti ħafna fejn aħna konna involuti mill-bidu nett tiegħu permezz ta' kollegi oħra tiegħi fi ħdan is-sezzjoni tagħna. Fil-bidu kulħadd wera x'tip ta xogħol u struttura ta' tagħlim kien qed juża bil-klieb fil-pajjiż rispettiv tiegħu. Din kienet mixja ta' xhur twal u snin t'argumenti u diskussjonijiet biex tingħażel l-aqwa struttura li tkun tħaddan fiha l-valuri komuni tal-Frontex u l-pajjiżi involuti. Wieħed irid iżomm f'moħħu li barra r-riżorsi u l-kulturi varji ta' kull pajjiż, ried jinstab tagħlim u proċeduri komuni li jkun fil-parametri tal-liġijiet internazzjonali, liġijiet lokali, favur id-drittijiet tal-bniedem u tal-annimali. Dan ix-xogħol sar min-nies professjonali b'esperjenza kbira, kif ukoll studjużi u xjenzjati fil-qasam. Wara dan ix-xogħol kollu ġew ifformulati żewġ *European Union Border Guard (EUBG) canine team manuals for canine handlers and canine Instructors.*

Wara li ġew formulati dawn iż-żewġ manwali għal dak l-uffiċjal li jaħdem bil-kelb u l-manwal tal-istruttur, ġie deċiż li għandu jibda l-ewwel kors tal-istrutturi biex ikun hemm l-ewwel grupp iċ-ċertifikat ta' strutturi. L-istruttur tal-klieb ċertifikat minn Frontex se jkollu r-reponsabbiltà li jagħmel xogħol ta' implimentazzjoni ta' dak il-manwal li għandu jkun jaf l-uffiċjal li se jaħdem bil-kelb fil-pajjiż rispettiv tiegħu, kif ġa bdejt u se nkompli nagħmel fis-sezzjoni tagħna. Ix-xogħol bil-klieb hu vast ħafna. Għalhekk ġie maqsum fi tnejn: dak ix-xogħol tal-klieb li jintużaw għall-użu ġenerali, magħrufa bħala *General use dogs* u dawk il-klieb għal tfittxija ta' rwejjaħ partikulari magħrufa bħala *product scent dogs.*

L-avventura tiegħi fit-taħriġ biex inkun ikkwalifikat bħala struttur tal-klieb għal Użu Ġenerali, bdiet f'Marzu 2013, fejn ma kellix bidu faċli, għar-raġuni li ma kellix il-kelb adekwat biex nagħmel dan il-kors. Wara ħafna taħbit, u grazzi għall-fondi ta' *sponsorship* mill-HSBC, bil-kuntatti li kelli barra, xtrajna kelb tar-razza *Belgian Shepherd Malinios* mill-Aw-








strija, li bih stajt inkompli din l-avventura. Qed nirreferi għal din l-esperjenza bħala avventura għax fil-verità kienet avventura sħiħa. Dan ma kienx kors li fih issiefer darba, iżda jinvolvi ħames safriet ta ħmistax-il ġurnata l-waħda; total ta' xahrejn u nofs:

- Marzu 2013 - Sibiu, Rumanija.
- Mejju 2013 - Rezekne, Latvja.
- Settembru 2013 - Vilnius, Litwanja.
- Ottubru 2013 - Badkreuzen, Awstrija.
- Marzu 2014 - Sibiu, Rumanija.

Li wieħed isiefer bil-kelb mhix ħaġa faċli. Dan is-safar kien jinkludi erba' titjiriet għal kull destinazzjoni u xi drabi sigħat twal ta' stennija bejn titjira u oħra fl-ajruport, bil-kelb. Trid tieħu ħsieb li l-kelb qiegħed jitgħabba fuq l-istess titjira tiegħek, u kont nagħmel ċert li qabel jitgħabba hu, jien ma nitlax. Nistqarr li kien hemm drabi ta' uġigħ ta' ras kbira, fejn ikollok toħroġ mill-ajruport timxi bil-kelb għal sigħat twal barra, fl-elementi kollha, sakemm isir il-ħin għat-titjira li jmiss. Ġieli ħadt 24 siegħa ta' vvjaġġar bit-titjiriet u sewqan, sakemm wasalt fil-post tad-destinazzjoni. Iżda kien żmien importanti biex jien u l-kelb tiegħi Axe bnejna relazzjoni sabiħa, li wkoll b` ħarsa niftiehmu kif fil-verità għandha tkun kull relazzjoni bejn is-sid u l-kelb tiegħu.

Dan il-kors kien ta' kwalità u livell għoli, fejn onestament kont impressjonat bl-organizzazzjoni u bl-awqa strutturi fl-Ewropa, bi professjonalità u esperjenza kbira. Għall-klieb, fl-użu ġenerali, jidħol kull qasam:- ubbidjenza u aġilità, tfittxijiet għar-riħa umana kemm għall-persuni u fuq oġġetti, *tracking* u xogħol ta' protezzjoni għal użu tal-forza. Dan kien kors li kopra fih teoriji varji fil-qasam u kif ukoll ħafna prattika bil-kelb tiegħek. Ma jonqsux barra t-teorija u l-aspett ta' xjenza, l-għodda, metodi u tekniċi varji li wieħed jista' juża fit-tagħlim tal-klieb. Fl-Awstrija, f'Ottubru li għadda, kelli tliet testijiet importanti; wieħed bil-kitba, ieħor evalwazzjoni ta' filmat ta' parti minn taħriġ ta' kelb fejn trid tiddeskrivi u tanalizza dak kollu li qed jiġri fil-filmat b'mod dettaljat u l-aħħar eżami kien dwar kreattività, fejn tiġi mogħti ezerċizzju li trid tagħmel bil-kelb u fi ftit ħin trid tispjega l-pjan kollu li se tuża u turi riżultat bil-kelb. B'umiltà nista' ngħid li f'dawn it-testijiet spiċċajt bl-aħjar riżultati u l-ewwel fil-kors minn għoxrin student.

Dan il-kors kien għall-istrutturi. Għalhekk kien hemm taħriġ sħiħ fil-kwalitajiet u l-kapaċitajiet li għandu jħaddan l-istruttur. Kellna eżerċizzji varji ta' prattika kif tgħallem u twassal il-messaġġ. Barra li tkun kapaċi tisma', tifhem, tosserva lill-kelb u l-persuna li se jaħdmu flimkien, trid tibni fiduċja u kredibbiltà mal-istudenti tiegħek. Xogħol l-istruttur mhux dak il-bniedem li jkun hemm biex isolvi l-problema għal sid il-kelb, iżda biex iġiegħel lill-*handler* jifhem u jevalwa x'inhu jiġri, tajjeb u ħażin, kemm minnu, mill-kelb u l-mod li qed jaħdmu t-tnejn flimkien. Imbagħad, flimkien naraw kif nistgħu naslu għal pjan tajjeb biex intejbu jew insolvu xi diffikultà.

Dawn ir-riżultati mlewnin b'kuraġġ kbir, fejn komplejt nistinka biex inkompli ntejjeb il-kwalitajiet tiegħi. Fl-aħħar parti fir-Rumanija, f'Marzu ta' din is-sena, kellna testijiet oħra prattiċi bil-kelb f'diversi oqsma, kemm fi tfittxijiet għal persuni u oġġetti, ubbidjenza u aġilità u għall-użu tal-forza, fejn għall-età tal-kelb tiegħi u għal ftit xhur li kien ilu miegħi morna tajjeb ħafna. U wara dan kollu, fl-aħħar jum, waslet iċ-ċerimonja tal-għoti ta' ċertifikati, fejn ġejt kwalifikat bħala *Frontex Canine Instructor*. Fl-aħħar ġurnata, waqt iċ-ċerimonja ġejt infurmat u mogħti l-opportunità biex waqt il-kors li kien għadu se jibda għall-istrutturi fil-qasam ta' *product scent* eżattament f'Ġunju li għadda, tajt is-sehmi, din id-darba fi rwol ta' struttur u mhux bħala stu-

Advert

Advert



dent. Din kienet opportunità oħra sabiħa biex komplejt inżid it-tagħlim u l-esperjenza tiegħi, filwaqt li apprezzajt ħafna l-fiduċja li wrew fija.

Ma nistax fi ftit paragrafi nispjega dak kollu li ġara waqt dan il-kors daqshekk kumpless, iżda fi ftit kliem nista' ngħid li kienet esperjenza mill-aqwa, li m'jien se ninsa qatt. Għalkemm aħna pajjiż żgħir, meta jkollok ir-rieda u sens ta' responsabbiltà li trid iġġib tagħlim ġdid lejn pajjiżek, tagħmel minn kollox biex tmur tajjeb. Li ġejt fl-ewwel post fil-kors, kienet sorpriża għal ħafna, kemm li ma kellix kelb mill-bidu u kemm li ġej minn pajjiż żgħir u minn sezzjoni tal-klieb li hi pjuttost żgħira. Filwaqt li nirringrazzja lill-Kummissarji preċedenti u wkoll lil dak preżenti u fuq kollox lill-Frontex tal-opportunità, jien inwiegħed, li kif ġa bdejt se nkompli nagħti dak kollu li naf biex flimkien inkomplu ntejbu u nagħmlu s-sezzjoni tal-klieb tagħna waħda iktar professjonali u li toffri l-aħjar riżultati possibbli lill-Korp u wara kollox lil pajjiż.

matthew.a.attard@gov.mt

Advert

Advert

# Kont taf li...

minn SM 128 Joseph Farrugia

**Mistoqsija:** Meta membru fil-Korp tal-Pulizija jkollu bżonn jieħu *sick leave* fit-tul, kif inhi l-proċedura u s-sistema kif tinħadem?

**Tweġiba:**

- L-ewwel nett it-tabib tal-Korp għandu jiġi nfurmat minnufih ħalli min-naħa tiegħu jara li jkollu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa;

- Bħala proċedura jrid jgħaddi l-messaġġ bis-sistema tal-PIRS kif normalment isir, u s-*sick leave* jinqata' għal dawk il-ġranet li l-individwu suppost ikun imissu xogħol fihom;

- F'kull każ, iċ-ċertifikat mediku għandu jasal fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, skont kif hemm stipulat f'Ċirkulari GHQ Nru. 114/2008;

- L-*off-duty* ma tinqatax mal-kumplament tas-*sick leave* (meta l-individwu kkonċernat ikun daħal fil-Korp fis-sena 1979 jew wara, għax għal dawk li daħlu qabel l-1979, is-*sick leave* jinqata' b'mod kontinwu);

- Jista' jagħti l-każ li t-tabib tal-Korp japprova li l-individwu jibbenefika minn *sick leave* akkumulat, jiġifieri parti ta' dak li ma jkunx ħa matul l-aħħar erba' (4) snin, jekk il-kundizzjoni medika tiegħu tkun waħda kif imsemmi f'ċirkulari viġġenti (*OPM Circular No. 38/1998*);

- F'każ ta' festi pubbliċi, tinqata' bħala *vacation leave* (waħda minn dawk l-erbatax (14-il festa pubblika) u mhux *sick leave*;

- Individwu hu intitolat għal tletin (30) ġurnata *sick leave full-pay* kull sena u tletin (30) ġurnata *half-pay*. Jekk l-individwu jibqa' bis-*sick leave* wara dawn il-ġranet kif imsemmi hawn fuq, jaqa' fuq *no-pay sick leave*. Meta jiġri hekk, ikun hemm xi benefiċċji li jingħataw mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, skont il-każ;

- F'każi fejn l-individwu jibqa' għaddej bis-*sick leave*, jista' jagħti l-każ li jinbdew proċeduri sabiex l-istess individwu jidher quddiem bord mediku mwaqqaf mis-CGMO (*Chief Government Medical Officer*);

- Jekk individwu jkun qed igawdi minn xi tip ta' *allowance*, din tinqata' wara ħmistax (15)-il ġurnata *sick leave*, jiġifieri mas-sittax il-ġurnata, is-sbatax il-ġurnata, eċċ. L-*allowance* terġa' tibda tingħata meta l-individwu jidħol lura għax-xogħol.

**Mistoqsija:** X'jiġri f'każ meta uffiċjal tal-Pulizija jweġġa' fil-post tax-xogħol (injury on duty)?

**Tweġiba:**

- L-ewwel proċedura li trid issir hi li jingħadda rapport bis-sistema tal-PIRS f'Għassa tal-lokal, mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa wara li jkun ġara l-inċident (skont il-klawsola 4.5.2.4 tal-*Public Service Management Code*);

- Timtela l-formola N.I.30 (importanti li tkun tikkonsisti f'sitt (6) paġni) li tinġabar miċ-ċentri tas-saħħa/sptarijiet jew mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Importanti wkoll li tkun iċċertifikata u ffirmata mit-tabib kuranti;

- Il-formola N.I.30 flimkien mar-rapport tal-PIRS, għandhom jaslu fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani **mill-aktar fis possibbli**, u dan sabiex fi żmien **għaxart ijiem** jiġu nnutati u kkonfermati minn dan l-istess uffiċċju.

  Sussegwentament din il-formola tkun trid tintbagħat lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex tiġi pproċessata min-naħa tagħhom;

- Meta tiġi ppreżentata l-N.I.30, ma jkunx hemm il-ħtieġa li jsir ċertifikat mediku ieħor;

- Kif jitlesta dan il-proċess, jiġi mlaqqa' bord intern (*Injuries Board*), sabiex jevalwa l-każ relatat u jiddetermina jekk għandux jingħata *special sick leave* jew xort'oħra; skont il-każ individwali xi jkun.

Importanti jingħad, li fil-każi kollha, l-individwu kkonċernat għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jara li d-dokumenti neċessarji jaslu fejn suppost, kif indikat.

joseph.a.farrugia@gov.mt

Advert

# Paġna għat-Tfal

Claire Vella
5 Snin




Luke Vella
7 Snin




Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

Advert

# Għajnuniet diġitali fl-infurzar tal-Pulizija

minn Dr Mark Said – Uffiċċju tal-Prim Ministru

It-teknoloġija diġitali għenet fir-rivoluzzjoni tal-infurzar tal-liġi f'bosta modi f'dawn l-aħħar snin. Il-ħila li tinġabar u tiġi analizzata d-*DNA* wasslet għall-possibbiltà li s-suspettati jiġu identifikati u maqbuda aktar malajr, u wasslet għall-identifikazzjoni u l-arrest tal-veri perpetraturi. Jeżistu bosta għajnuniet diġitali addizzjonali li jkomplu jirrivoluzzjonaw l-infurzar tal-liġi. Għajnuniet diġitali aktar moderni jassistu fix-xeni tad-delitt u fil-ġbir u analiżi tal-provi forensiċi, jgħinu fl-istħarriġ tal-infurzar tal-liġi, iħarsu lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, u saħansitra jistgħu wkoll jobsru meta u fejn jistgħu jseħħu delitti fil-ġejjieni.

## L-evidenza diġitali hi kruċjali fl-infurzar tal-liġi

Bit-tsunami tal-midja soċjali, l-infurzar tal-liġi sabet ruħha fi ħtieġa li tiżviluppa teknika biex tħarreġ lill-personall fir-rikonoxximent tal-importanza potenzjali tad-data mill-midja soċjali fid-delitti, partikularment fl-istħarriġ u billi tkun determinanti kemm jista' jkun fil-prosekuzzjoni t'indizjat meta mressqa bħala prova fil-qorti. L-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jridu jkunu mħarrġa fil-ġbir, proċessar, manutenzjoni u preservazzjoni kif suppost, tal-provi diġitali.

L-aġenziji u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jiddeċiedu kif ħaddieħor jidħol fis-sistema tad-*data* tagħhom u tinqasam flimkien m'aġenziji oħra.

It-teknoloġija '***LoJack***', għajnuna oħra reċenti diġitali tal-għaġeb li qed tinfirex fl-Amerika, kienet strumentali għal żewġ aġenziji tal-infurzar tal-liġi, mijiet ta' kilometri 'l bogħod minn xulxin, fis-salvataġġ ta' żewġ itfal maħtufa, flimkien ma' raġel xwejjaħ. Żewġ subien, wieħed ta' sentejn u l-ieħor ta' seba' xhur, inħatfu minn missier li ma kellux il-kustodja tagħhom f'Burien, Washington, u ħarab bil-vettura tal-omm. L-omm infurmat lill-uffiċjali li l-vettura tagħha kienet mgħammra bit-teknoloġija *LoJack Stolen Vehicle Recovery System*. Bl-użu tat-teknoloġija ***LoJack***, uffiċjali tal-infurzar tal-liġi setgħu jintraċċaw il-vettura u jaqbdu lis-suspettat.

In-naħa l-oħra tal-pajjiż, f'Marshfield, Maine, il-pulizija wżat it-teknoloġija *LoJack SafetyNet* sabiex tintraċċa xwejjaħ ta' tnejn u tmenin sena li jbati mill-*Alzheimer*, li kien tbiegħed minn daru. Il-pulizija mxew mas-sinjal u intraċċawh xi kilometru 'l bogħod, fejn kien weħel f'xi tajn ħdejn xmara.

## Iċ-ċentri mobbli tal-kmand huma vitali

Il-vettura taċ-ċentru mobbli tal-kmand twassal l-aħħar teknoloġija fil-komunikazzjoni għall-infurzar tal-liġi. Eżempju wieħed ta' kif ċentru mobbli tal-kmand jivvantaġġa l-infurzar tal-liġi jintwera biċ-ċentru mobbli ġdid tal-kmand, imħaddem mid-Dipartiment tal-Pulizija ta' Boston f'Marzu tat-2012. Bi spazju għal mill-inqas tmintax-il uffiċjal tal-infurzar tal-liġi, il-kmand mobbli jħaddan fih teknoloġija diġitali sħiħa *touch-screen* fuq ġewwa u fuq barra taċ-ċentru. Hu mgħammar b'ħames *monitors* tat-televiżjoni, sistemi tas-satellita u telefonija ċellulari, *cellular router*, dixx tas-satellita, *stand-up work stations*, *modulated video system*, *matrix switcher*, u teknoloġija oħra b'żieda m'attrezzi oħra bħalma huma ħażna tal-armi tan-nar.



Filwaqt li l-*Boston Mobile Command Centre Vehicle* hu madwar tlettax-il metru twil, aġenziji u awtoritajiet oħra għall-infurzar tal-liġi, jaf ikun aħjar għalihom li jkollhom disinn differenti jew daqs differenti. Xi ħaġa fuq dawn il-linji, fil-ġejjieni qrib, taf tkun addattata għas-sistema Maltija tal-infurzar tal-liġi.

## L-użu tat-teknoloġija ġeo-spazjali jew immappjar tal-kriminalità biex titbassar il-kriminalità fil-ġejjieni.

Fi bliet u rħula b'inċidenza qawwija t'attività tal-gruppi,

b'żieda f'ċerti tipi ta' reati jew saħansitra sabiex jinkixef xi ħadd maħrub, it-teknoloġija tal-immappjar tal-kriminalità taf tkun t'għajnuna kbira fl-infurzar tal-liġi. Barra minn Malta, bħalissa jeżistu tliet applikazzjonijiet differenti ġeo-spazjali li l-pulizija u aġenziji korrettivi jistgħu jużaw kuljum. ***Crime-Stat III*** hu deskritt bħala 'programm statistiku spazjali' li janalizza l-lok tad-delitti li seħħew u mbagħad jidentifika l-'postijiet l-aktar milquta'. Il-programm jista' wkoll isegwi l-andament ta' xi ħadd ikkundannat maż-żmien u jagħfas viċin il-lok ta' residenza ta' xi kriminali notorji.

***FacilityCop*** jintuża fil-ħabsijiet sabiex jagħmel mappa, jinnota u janalizza reati li jseħħu fi ħdan il-faċilitajiet korrettivi. L-i***School Crime Operations Package*** jew ***School COP*** jippermetti l-immappjar u analiżi ta' reati li jsiru fi u biswit l-iskejjel. Bl-i ***School COP***, mhux biss tista' tiġi mistħarrġa d-delinkwenza fiż-żgħażagħ, iżda tista' wkoll tiġi infurzata s-sigurtà u tippermetti inizjattivi biex jitħejja pjan ta' prevenzjoni tal-vjolenza. Jeżistu wkoll programmi oħra teknoloġiċi għall-immappjar tal-kriminalità.

Li tobsor eżattament meta u fejn reat x'aktarx li jseħħ m'għadhiex xi ħaġa ta' barra minn hawn, iżda realtà li twettqet b'ħafna suċċess.

L-għajnuniet diġitali ħolqu rivoluzzjoni fil-komunikazzjonijiet, stħarriġ, identifikazzjoni, ġbir u preservazzjoni tal-provi, rintraċċar ta' vetturi misruqa, ta' kriminali suspettati u persuni fil-periklu, kif ukoll taw lok għaċ-ċentri mobbli tal-kmand. L-għajnuniet diġitali jistgħu jintużaw fl-Għases tal-Pulizija jew fil-Kwartieri Ġenerali. Ix-xorta t'għajnuniet diġitali wżati fl-infurzar tal-liġi tiddependi fuq il-ħtiġiet, kif ukoll fuq il-fondi disponibbli għad-dħul t'għajnuna diġitali fl-infurzar speċifiku tal-liġi.

magazine.police@gov.mt

Advert




# 200 sena Anniversarju

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

F'dawn il-paġni li ġejjin ser issibu informazzjoni kif ukoll diversi ritratti li juru l-attivitajiet kollha li ġew organizzati fl-okkażjoni tal-200 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija.

Għalkemm il-ġurnata proprja hi t-12 ta' Lulju, jkun xi ftit impossibbli sabiex kollox isir dakinhar. Fil-fatt l-attivitajiet bdew sew qabel it-12 ta' Lulju.

Pass pass ser nagħtu ħarsa lejn dawn l-attivitajiet, li bħas-soltu jiġbdu sezzjoni kbira tal-pubbliku Malti li dejjem attenda u ħa gost magħna.

Attività li kull sena dejjem baqgħet issir u tista' tgħid dejjem kien hemm rispons qawwi u sabiħ min-nies, hi dik meta flimkien mal-Banda tal-Pulizija, *Drill Team*, is-Sezzjoni tal-Kavallerija u l-Klieb, iżuru lokalitajiet differenti f'Malta.

Hemmhekk jiġi ppreżentat kunċert mill-Banda tal-Pulizija, fejn ikun hemm ukoll kantanti popolari mistiedna sabiex jakkumpanjaw lill-Banda tagħna. *Drill team* bħas-soltu, jagħti wirja mill-isbaħ u li avolja tkun rajtha qabel, xorta tħallik imwaħħal sabiex ma titlef xejn minnha. Imbagħad ikun imiss lis-Sezzjoni tal-Klieb, li juru kemm il-kelb għandu ħiliet impressjonanti fejn jidħol ix-xogħol tal-Pulizija. Il-Kavallerija, min-naħa tagħha, tkun preżenti fejn jinġemgħu diversi nies; speċjalment tfal, li jkunu jixtiequ jieħdu ritratti u jiġu megħjuna biex jitilgħu fuq iż-żwiemel.

Din is-sena introduċejna xi ħaġa ġdida wkoll. L-uffiċċju tagħna, ċioè tas-CMRU, kien preżenti biex permezz ta' *information desk*, dak li jkun mhux biss seta' jikseb informazzjoni rigward dak li kien għaddej, iżda qgħadna wkoll induru mat-tfal u nqassmulhom *drawing books*, bżieżaq kif ukoll *stickers* u *bookmarks*. Dan żgur intlaqa' tajjeb miċ-ċkejknin, għax dejjem konna naslu lura bil-kaxxi vojta.

















Organizzata wkoll, din id-darba b'mod differenti mis-snin ta' qabel kienet l-Open Day.

Din is-sena ma ntużatx il-bitħa tal-Kwartieri Ġenerali, iżda t-triq fejn insibu l-garaxx tal-Pulizija. L-attivitajiet f'din il-ġurnata kienu ħafna. Minn wirja ta' karozzi tal-Pulizija sa stands tat-traffic b'filmati fuq il-Korp, li bdew jintwerew il-ħin kollu. Apparti l-annimali tal-Korp, kellna wkoll it-tberik tal-annimali, fejn diversi membri tal-Korp ġabu l-pets tagħhom.

It-tfal ukoll kienu fil-ħsieb tagħna, tant li mal-ħin bdew jittieħdu vjaġġi bin-nies lejn Xatt it-Tiben, li xtaqu jmorru dawra fuq waħda mid-dgħajjes tas-Sezzjoni tal-ALE tal-Pulizija. Il-Kwartieri Ġenerali, il-Mużew, kif ukoll ix-xelter, kienu miftuħin għall-pubbliku. Imsomma kienet ġurnata mimlija u l-attivitajiet kienu bosta.
















Ma setax jonqos li f'din l-okkażjoni ma niftakrux fi sħabna kollegi, li ħallew din id-dinja. Pulizija bħalna, li ma għadhomx magħna. Fil-fatt, il-Ħadd, 6 ta' Lulju 2014, saret quddiesa konċelebrata mill-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija Fr. Raymond Bonnici OFM fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Wara, sar talb u tqegħid ta' fjuri fuq il-qabar tal-Pulizija.



















Il-Banda tal-Pulizija, minbarra l-involviment tagħha fil-lokalitajiet, ippreżentat ukoll żewġ kunċerti; wieħed bl-isem *Memoire*, li seħħ fix-xahar t'April fil-Katidral tal-Imdina u ieħor bl-isem ta' *Pop Meets Classic* fit-Teatru Rjal, fil-Belt Valletta, fix-xahar ta' Lulju. F'dawn il-kunċerti ħadu sehem kantanti popolari, li flimkien mal-Banda tagħna ppreżentaw żewġ kunċerti mill-isbaħ. Xhieda ta' dan kien in-numru ta' nies li attendew, fejn fiż-żewġ okkażjonijiet imlew kemm il-Katidral kif ukoll it-teatru.












200 Sena









Bħalissa qiegħda tintuża l-munita taż-żewġ Ewro tal-Pulizija ta' Malta. Din saret proprju għal din l-okkażjoni tal-200 Sena tal-Korp. Għalkemm diġà qrajna fuq dan is-suġġett fl-edizzjoni ta' dan il-magażin fix-xahar ta' Marzu, it-tnedija tal-munita seħħet nhar il-11 ta' Lulju 2014.









Fil-Fergħa tal-Posta ta' ħdejn il-Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta, nhar it-12 ta' Lulju 2014, ġie ntużat dak li nsejħulu *cancellation stamp*. Apparentament, dan ikun timbru li jsir għal okkażjonijiet speċjali biss u jintuża għal ġurnata waħda biss. Issa dan it-timbru jinsab fil-Mużew tal-Posta ta' Malta.




Wara s-suċċess kbir li kellna meta ftaħna l-paġna ta' *Facebook*, ġie deċiż li nagħmlu pass ieħor u nintroduċu l-paġna *Twitter*. Forsi għadu mhux daqshekk popolari daqs kemm hu *Facebook*, iżda jintuża mhux ftit u b'hekk inkunu qed naslu aktar b'kuntatt maċ-ċittadin. Din il-paġna hi wkoll immexija mill-uffiċċju tas-CMRU.

Bħas-snin ta' qabel, saru wkoll riċevimenti mqassma fuq tlett ijiem għal membri tal-Korp tal-Pulizija. Bħas-soltu, l-attendenza kienet waħda kbira. Xi kultant jekk ma tiltaqax mal-kollegi tiegħek fuq xi xogħol, imn'alla jkunu okkażjonijiet bħal dawn, għax ikollok ċans tara xi ħbieb li forsi tkun ilek ma tara jew tkellem, b'mod speċjali ħbieb u kollegi li jkunu telqu mill-Korp.















F'Jum il-Pulizija eżatt, ċioe nhar it-12 ta' Lulju 2014, ġiet ikkonċelebrata quddiesa fil-Kon Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Bħas-soltu, kapijiet tal-Istat, persuni distinti u diversi uffiċjali għolja mill-Korp tal-Pulizija attendew għal din il-quddiesa. Wara, immarċjat il-Gwardja tal-Unur, taħt it-tmexxija tal-Ispettur Anzjan Stephen Mallia, akkumpanjata mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija. Dawn immarċjaw tul Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ. Hemmhekk ingħata bidu għal parata, fejn il-Korp tal-Pulizija ppreżenta sett ġdid ta' standardi, li aħna nsibuhom bħala l-*colours*. Dawn jikkonsistu f'żewġ bnadar, waħda Maltija u l-oħra tal-Korp tal-Pulizija. Din iċ-ċerimonja tmexxiet mill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta, is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca.

Dan li ġej hu d-diskors kommemorattiv li nqara mill-Professur Raymond Mangion, M.A., LL.D., D.Phil.(Oxon.), Kap tad-Dipartiment tal-Istorja Legali u l-Metodoloġija fil-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Malta. Dan id-diskors sar nhar it-12 ta' Lulju, 2014, Jum il-Pulizija, fil-preżenza tal-E.T. Marie-Louise Coleiro, il-President ta' Malta u l-Onor. Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, Dott Emmanuel Mallia, kif ukoll quddiem diversi mistednin distinti oħra.
*"Il-pulizija ta' Malta u Għawdex, ta' art twelidna, illum qegħdin ifakkru l-biċentinarju; il-200 sena, mittwaqqif tagħhom mill-Gvernatur Maitland, Sir Thomas, b'leġiżlazzjoni primarja u ad hoc mitbugħa fit-12 ta' Lulju, 1814, kif imxandra fil-Gazzetta tal-Gvern.*

*Il-mexxejja tagħna ħasbu biex jikkommemoraw dan l-avveniment memorabbli u meraviljuż, li ma jittenniex, billi ħolqu Kummissjoni li min-naħa tagħha fasslet u ħarġet għalenija bil-motto 'Min-Nies għan-Nies'.*

*Formalment u fid-dehra, għadna n-'Nies' bħala l-Qawwa tad-Dritt u l-Bon Ordni fuq naħa, u n-'Nies' bħala Nazzjon u Stat fuq in-naħa oħra. Huma tassew jidhru żewġ entitajiet ta' nies distinti. Intrinsikament u fir-ruħ, għandna unità waħda, irrispettivament minn viżjoni passata, preżenti u ġejjiena. Il-membri taż-żamma tal-paċi u s-sigurtà, jingħad spiss li jiffurmaw 'Korp'. Jekk nisiltu frażi minn definizzjoni immortali ta' Santu Wistin jew l-ikbar għaref fost is-Santi Padri, huma sewwasew tixrik ta' bnedmin li jitwaħħdu b'sens ta' responsabbiltà għall-għemejjel u l-ħidma tagħhom – sabiex iħarsu u jseddqu l-istess nies li minnhom appuntu jintgħażlu u jintgħarfu għax jagħmlu sehem minn entità waħda – il-komunità.*

*Storiko-legalment, il-pulizija kienu, għadhom u jibqgħu l-gwardjani li jirrappreżentaw u jipproteġu liċ-ċittadini lejn ir-realizzazzjoni tas-sewwa u l-ħaqq. Huma n-nies li jservu lis-soċjetà billi jimmarċjaw flimkien 'il quddiem. Huma istituzzjoni min-nies għan-nies, billi jwettqu d-doveri tagħhom b'mod xilxieni, b'manjiera reċiproka.*

*Min-naħa 'l waħda, il-pulizija huma n-nies li għandhom iżommu biswit għajnejhom il-ħin kollu u jinsistu sabiex tintlaħaq l-għaqda fi ħdan l-erbat irjieħ tan-nies kollha, filwaqt li jmantnu armonija fosthom, mingħajr distinzjoni. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà, in-nies bid-diversitajiet kollha tagħhom, iridu bħall-pulizija jifhmu u jixtarru li hemm dmirijiet x'jirrispettaw u obbligi x'josservaw.*

*Mingħajr rieb ta' xejn, il-pulizija ta' Malta għandhom storja mżewqa bi ġrajjiet sbieħ u b'tifkiriet koroh. Huma fittxew żgur li jimxu mal-għeliem taż-żminijiet u jaġġornaw sew fil-bnazzi, sew fil-maltemp. Huma kellhom il-kavallerija fl-1860; attrezzatura ta' karozzi u muturi mal-introduzzjoni ta' dawn il-vetturi, mill-bidu tas-seklu għoxrin; l-ewwel kwartieri tagħha inkluż id-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali, fl-1919; Sezzjoni tat-Tifi tan-Nar bis-saħħa ta' fire-engines fl-1935; unit f'koordinament mal-Interpol lejn l-aħħar tas-snin sittin; it-Taqsima ta' kontra l-vizzji u l-abbuż tad-drogi fl-1973; l-Iskwadra Mobbli fl-istess snin sebgħin; il-laboratorju forensiku fl-1980, u fl-aħħar u mhux l-inqas li Special Assignment Group u r-Rapid Intervention Unit fi żmienna.*

*Il-pulizija implimentaw riformi tabilħaqq impressjonanti fuq il-livell kostituzzjonali, wara li xxeddu l-ġerarkija li għandhom illum, bil-Kap jissejjaħ għall-ewwel darba bħala Kummissarju. Huma kienu parti mill-Ministeru Malti għall-ewwel darba, mal-kisba ta' pajjiżna tal-ewwel Gvern Responsabbli fl-1921. Huma kellhom saħansitra l-ewwel Banda bis-Surmast u l-istrumentalisti, kif ukoll l-ewwel tim tal-futbol fl-istess żmien.*

*Fortunament, il-pulizija ta' Malta llum huma forza moderna u effettiva fil-prevenzjoni, u l-ġlieda kontra l-kriminalità ta' kull xeħta figura u dimensjoni tkun eliminata u b'riħet t'hekk il-libertà tkun salvagwardjata u l-ġustizzja tkun rafforzata. M'għandniex dubju li huma kellhom wieħed mill-isbaħ avvenimenti, meta l-ewwel rekluti nisa ħadu l-ġurament tal-ħatra. Sa dakinhar, il-pulizija kienu istituzzjoni mill-'Irġiel għan-Nies' iżda minn dakinhar saru tassew 'Min-Nies għan-Nies'. Il-pulizija ta' Malta kellhom f'dak il-pjan ewlieni tal-ħajja u l-iżvilupp tagħhom – bid-dħul u l-inklużjoni tal-mara - episodju li tnaqqax b'ittri tad-deheb għax bih huma laħqu l-quċċata tal-umanità sħiħa tagħhom. Għalina, id-data 4 ta' Ġunju, 1956 għandha tkun ġurnata indelibbli u li ma tintesa qatt.*

*Naturalment, il-pulizija, fit-tokki tal-mixja tal-poplu tagħhom, missirijietna distanti u reċenti, karatterizzati minn ġidd għal ġidd minn perijodi trijunfanti u mumenti turbulenti, kellhom kemm noti ferrieħa u siltiet nostalġiċi; kemm noti kiebja u bċejjeċ spjaċevoli. Madankollu, għandna niftakru, illum qabel u fuq kollox, f'ħutna qalbiena li ndarbu jew saħansitra ħallew ħajjithom, sew billi nqatlu, sew billi ntlaqtu minn diżgrazzja waqt il-qadi tagħhom, f'isem is-soċjetà u għall-ġid u l-prosperità ta' kull individwu, persuna u wieħed u waħda minnha. Inqimuhom u nagħtuhom ġieh.*

*Għeżież pulizija ta' ġensna -- mejtin u ħajjin -- inroddulkom ħajr u nsellmulkom".*






























HSBC

# *200 sena Anniversarju*

Dan l-aħħar, min jaħdem jew inkella għal xi raġuni kellu bżonn jidħol fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, seta' jinnota li twaħħlu diversi plakki tal-irħam mal-ħitan tan-naħa tal-*M.I.Room* u n-naħa l-oħra fejn hemm l-uffiċċju tal-Kappillan tal-Korp. Dawn kollha jissimbolizzaw u jfakkru avvenimenti jew persuni li jinvolvu lill-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt, nhar it-12 ta' Lulju, ġiet inawgurata plakka ġdida mill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta flimkien mal-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr. Emmanuel Mallia LL.D. Din qiegħda hemm bħala tifkira tal-200 anniversarju. Wara, ingħata bidu għal riċeviment, fejn l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Raymond Zammit, flimkien mas-Sinjura Zammit, laqgħu diversi persuni distinti u uffiċjali għolja tal-Korp fl-*Officers' Mess.*







































Sħabna l-Għawdxin, ukoll jiċċelebraw dan l-anniversarju magħna. Fil-fatt, fil-ġurnata tal-15 ta' Lulju 2014, kienet iċċelebrata quddiesa kif ukoll ċerimonja fiċ-Ċimiterju fir-Rabat, Għawdex, proprju fuq il-qabar tal-Pulizija. F'Marsaxlokk, imbgħad, saru diversi attivitajiet għall-pubbliku, fosthom kunċert qasir mill-Banda tal-Pulizija, wirja mis-*Silent Drill*, kif ukoll wirja mis-Sezzjoni tal-Klieb. Kavallerija, kif ukoll membri mill-Uffiċċju tas-CMRU kienu preżenti. Iċ-ċelebrazzjonijiet f'Għawdex raw it-tmiem tagħhom f'riċeviment li seħħ fil-bitħa tal-Għassa tal-Pulizija fit-Rabat, Għawdex.












HSBC
Malta Foundation







PULIZIJA TA' MALTA

# 200 Sena

Min-Nies Għan-Nies

1814 - 2014



# L-'Advanced Passenger Information System' (API)

Mill-Ispettur Mario Haber – Special Branch



Il-Pulizija Maltija għadha kif ikkonkludiet studju u ġbir ta' informazzjoni dwar sistema magħrufa bħala l-*Advanced Passenger Information*. Dan il-proġett kien iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond tal-Fruntieri Esterni – Programm Annwali 2012 u 2013 (EBF 2012-01), (EBF 2013). Din hi sistema ta' ġbir ta' informazzjoni, ta' passiġġieri li jkunu se jivvjaġġaw lejn pajjiżna minn destinazzjoni barra z-zona Schengen. Finalment din is-sistema trid tiġi stallatta u tibda titħaddem sa Ġunju 2015. Dan kollu jrid isir biex tiġi osservata direttiva Ewropea 2004/82/EC, kif ukoll LN 360 ta' 2007 (Att. ta' l-EU, Kap 460). F'dan l-istudju, minbarra t-Taqsimiet tal-Immigrazzjoni, tad-Data u l-Uffiċċju Legali tal-Pulizija tqabbdet ukoll l-aġenzija Governattiva MITA.

Is-sezzjoni tal-Immigrazzjoni se tkun it-taqsima li se tuża din is-sistema ta' informazzjoni. Din it-taqsima se jkollha għodda f'idejha li tkun taf b'dawk il-passiġġieri li se jiġu Malta minn destinazzjoni barra ż-żona Schengen u li għandhom xi *alert*; jiġifieri li hemm xi ordni ta' arrest, tfittxija jew investigazzjoni dwaru/ha. Din l-informazzjoni issa se tkun aċċessibbli lit-Taqsima ta' l-Immigrazzjoni fl-ajruport u wkoll fil-port sa anke qabel ma' l-istess passiġġier jitlaq mid-destinazzjoni li ġej minnha.

Din is-sistema, li hi totalment kompjuterizzata se tkun imqabbda ma' sistema ġa eżistenti; dik tax-*Schengen Information System* (*SIS*) u *National Stop List* (*NSL*), biex l-ismijiet trasmessi mill-operatur tal-ajru jew tal-baħar, jiġu wettjati għall-possibbiltà ta' xi *alert*. L-aġenzija MITA, bl-għajnuna tat-Taqsima tad-Data tal-pulizija ħejjew ir-rapport finali u d-dokument għall-offerta li trid toħroġ għall-akkwist u implimentazzjoni ta' din is-sistema.

L-Uffiċċju Legali wkoll kien involut f'dan l-istudju, peress li s-sistema se tuża dettalji personali ta' passiġġieri. Wieħed irrid iserraħ rasu li d-dettalji qatt mhuma se jiġu f'idejn terzi persuni. L-ebda lista ta' passiġġieri mhi se tkun stampata. Xogħol l-operatur ta' din is-sistema se jkun biss li jwassal din l-informazzjoni b'mod elettroniku mingħand l-operatur tal-vjaġġ s'għand il-Pulizija. Wieħed irid iżomm f'moħħu li d-dettalji rikjesti huma l-minimi neċessarji u li r-regolamenti tal-protezzjoni tad-data se jkunu osservati kollha.

Biex seta' jsir studju ta' kif taħdem din is-sistema ġew organizzati żewġ żjarat fi Spanja u fl-Italja. L-ewwel żjara saret lill-*Grupo Operativo Fronteras Aereas* (C.G.E.F.) f'Madrid, bejn id-29 ta' Lulju u l-1 ta' Awwissu 2013. It-tieni żjara saret liċ-*Centro Immigrazione Italiana* f'Cinecittà Ruma, bejn it-30 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru 2013. Hemmhekk, id-delegazzjoni Maltija, minbarra ġbir ta' informazzjoni teknika, setgħu jaraw kif taħdem din is-sistema fil-prattika fl-ajruporti ta' Barajas u Fiumicino rispettivament. Minn dawn iż-żjarat, id-delegazzjoni Maltija setgħu jieħdu l-aħjar ideat fl-aspetti kollha, jiġifieri, dawk amministrattivi, finanzjarji, tekniċi, legali, loġistiċi u dawk ta' *personnel*. Lura Malta saret sejħa għal aktar informazzjoni (*RFI – request for information*) li kienet imwieġba minn żewġ kumpaniji lokali. Minn dawn it-tweġibiet stajna nkunu nafu dawn il-kumpaniji x'joffru.

Issa, li dan l-istudju hu lest, irid isir il-pass l-ieħor, dak tal-implimentazzjoni. Dan ukoll se jkun iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea iżda taħt fond ieħor. L-iskop ta' dan kollu hu li tiżdied l-effiċjenza tal-kontroll. Il-kontroll isir aktar iffukat fuq fejn hemm bżonn u fl-istess ħin, il-passiġġier ġenwin igawdi minn inqas kontroll li jidher u aktar libertà.

mario.haber@gov.mt

Advert

# L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta

P.S.Neville Mercieca – Segretarju Ġenerali

## Vjolenza kontra membri tal-Korp (uffiċjali pubbliċi)

Il-Kumitat Eżekuttiv hu kburi li kien hu li talab sabiex isir tibdil fil-Liġi, li permezz tiegħu, qegħdin igawdu l-uffiċjali pubbliċi kollha tal-pajjiż.

Wara li l-*MPA* innutat li l-vjolenza kontra uffiċjali pubbliċi waqt il-qadi tad-doveri tagħhom, qegħdin jiżdiedu, id-deċidejna li nagħmlu t-talba lill-Gvern sabiex ikun hemm pieni iktar ħorox ħalli jservu ta' deterrent. L-*MPA* talbet li l-piena karċerarja tkun effettiva u s-*suspended sentence*, *probation* u *conditional discharge* ma jkunux jistgħu jingħataw. Is-sentenzi li kienu qegħdin jingħataw, kienu ridikoli u ma jenfasizzawx fuq is-serjetà tar-reat. Meta jsir reat fuq uffiċjal pubbliku, dak ir-reat ikun qiegħed isir ukoll kontra s-soċjetà li hu jirrappreżenta.

Fl-2011 kien tressaq Abbozz 67, fejn dawn il-proposti tal-*MPA* kienu inklużi, iżda sfortunatament, dawn ma għamlux it-triq kollha sat-Tielet Qari.

Bħalma tafu, ftit tax-xhur ilu, l-*MPA* kellha laqgħa mal-Onor. J. Azzopardi min-naħa tal-Oppożizzjoni fuq is-suġġett, u dan ressaq *Private Members' Bill* li kienet tixbaħ dak li kien hemm f'Abbozz 67. Il-Gvern ukoll għoġbu jtella' din il-materja fuq l-aġenda tal-Parlament, u bi qbil taż-żewġ partiti, sar it-tibdil fil-Liġi. Għalkemm il-piena karċerarja ma saritx tassattiva, hemm multi konsiderevoli li jridu bilfors jiġu mposti fuq il-ħati. Bis-saħħa ta' dawn l-emendi, spiċċa ż-żmien li xi ħadd jgħid li kien *worth it* li jattakka membru tal-Korp tal-Pulizija jew uffiċjal pubbliku ieħor.

F'isem il-membri tal-*MPA*, nirringrazzja lill-Membri Parlamentari kollha tal-kontribut tagħhom sabiex isir it-tibdil fil-Liġi, avolja m'aħniex sodisfatti għal kollox. Aħna nittamaw li s-sentenzi li jingħataw ikunu fil-parametri tal-Liġi u li jekk ma jkunx il-każ, għandu jsir appell mid-deċiżjoni, li ma tkunx tagħmel verament ġustizzja. L-*MPA* ser tibqa' tissorvelja l-proċessi sabiex tara li l-ġustizzja ssir kif suppost mal-membri kollha tagħha.

## Talbiet li l-'MPA' ilha titlob sa mill-2002, u li għadhom pendenti

**Dritt ta' *Part-Time Job*:**
Il-membri tal-Korp għandu jkollhom id-dritt li jaħdmu *part-time job* bħalma għandhom dan id-dritt il-ħaddiema kollha fil-pajjiż.

***Extra Duty* bil-15% taxxa:**
L-*MPA* tisħaq li l-*extra duty on payment* hi l-unika mezz kif membru tal-Korp idaħħal *income* żejjed għall-familja tiegħu. Din għandha tiġi ntaxxata separatament bil-15% bħalma jiġi ntaxxat *part-time job*.

**Erbgħin Siegħa Xogħol:**
L-*MPA* titlob li membru tal-Korp għandu jaħdem ġimgħa ta' 40 siegħa xogħol. Membru tal-korp hu mdaħħal fl-istess skali mal-ħaddiema taċ-ċivil u mħallas bl-istess rati, iżda jaħdem 46 siegħa u mhux 40 siegħa. Il-membri tal-Korp għandhom ikunu kkunsidrati bħala ħaddiema taċ-Ċivil u għalhekk jaħdmu 40 siegħa xogħol fil-ġimgħa.

**Il-Pensjoni:**
L-*MPA* titlob li din tiġi aġġustata minn żmien għal żmien kif ukoll bil-COLA li tingħata kull sena.

**Assigurazzjoni fuq is-saħħa u ħajja:**
L-*MPA* hi konxja tar-riskju li intom taffaċċjaw kuljum fil-post tax-xogħol, u għalhekk għadha titlob li l-membri tal-Korp ikollhom polza ta' assigurazzjoni adegwata.

***Allowances:***
L-*MPA* sejra tkompli l-ħidma tagħha sabiex l-*allowances* kollha li jingħataw lill-ħaddiema taċ-Ċivil, u li awtomatikament huma wkoll dritt tal-membri tal-Korp, jingħataw. Bħalissa qegħdin isiru diskussjonijiet fil-PNB rigward il-*fuel allowance*, li qiegħda hemm, u hu dritt tal-membri tal-Korp li tingħata, iżda għax jidher li din tiswa l-flus, qatt ma ġiet approvata. L-*MPA* qiegħda tieħu din il-materja bis-serjetà u se tikkunsidra t-toroq kollha biex dawn l-*allowances* jingħataw.

mpa@onvol.net

# Is-Servizz tal-Ħelikopter

minn SM Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali

Meta jiġu jżuru l-Mużew, ħafna jistaqsu xi tagħrif dwar meta l-Pulizija ta' Malta, kellha s-servizz tal-Ħelikopter. Bejn għax jien stess ma lħaqtux; kif ukoll minħabba li din is-sezzjoni kienet ingħaqdet kompletament mal-Armata, lejn l-ewwel terz tas-snin tmenin; nammetti li ftit li xejn kellna informazzjoni. Għaldaqstant ippruvajt niġbor xi tagħrif ma' ftit ritratti u qiegħed naqsamhom magħkom.



Kien lejn l-aħħar terz tas-sena 1971, meta l-Gvern Malti ta' dak iż-żmien, fuq raġunijiet diversi, ħass li kellu bżonn jieħu b'mod immedjat miżuri serji ta' sigurtà, f'dak li jirrigwarda l-ħarsien, sorveljar u protezzjoni tal-Gżejjer Maltin mill-ajru. Wara li b'negozjati, kien irnexxielu jikseb l-għajnuna meħtieġa mill-Gvern Federali tal-Ġermanja tal-Punent (żmien meta l-Ġermanja kienet għadha maqsuma); voluntiera, bħala studenti piloti u tal-inġinerija mill-Korp tal-Pulizija u l-Armata ġew magħżula u mibgħuta f'bażi tal-ajru, viċin il-villaġġ ta' Fassberg, fil-Ġermanja. Kif l-istudenti Maltin waslu hemm, sabu jilqagħhom tim ta' għalliema Ġermaniżi, ippreparati sabiex jibdewlhom it-tagħlim u t-taħriġ li kien meħtieġ. Min-naħa tagħhom, il-Ġermaniżi kienu ħadu ħsieb ukoll li l-għalliema li jibagħtulhom, ikunu jafu jitkellmu tajjeb bl-Ingliż, biex l-istudenti Maltin ma jkollhomx diffikultà bil-lingwa.



Jingħad li dan il-kors li kienu ngħataw l-istudenti Maltin, ma kien xejn faċli. Kien jirrikjedi li l-marka sabiex wieħed jgħaddi, ma kellhiex tkun inqas minn sebgħin fil-mija. Iżda bħalma jiġri bosta drabi, il-Maltin wettqu b'suċċess xhur sħaħ ta' studju u taħriġ li wassalhom sabiex ġew lura pajjiżna bħala piloti u inġiniera mekkaniċi. Magħhom ġabu wkoll l-erba' ħelikopters tat-tip *Bell* (minn taż-żewġ *seats*) li fuqhom stess kienu ħadu t-taħriġ, u fejn wara, ingħataw b'donazzjoni lill-Gvern Malti. Jingħad li barra li kellhom okkażjoni ta' taħriġ mill-aktar interessanti; matul iż-żmien li qattgħu l-Ġermanja, ħassew li kienu milqugħin tajjeb ħafna; f'atmosfera ta' ħbiberija mal-istess għalliema tagħhom u kollox kien ikun organizzat bl-aħjar mod. Kienu jkunu mistiedna wkoll jagħmlu użu minn faċilitajiet sportivi, jew jieħdu sehem f'attivitajiet ta' din ix-xorta; waqt li kienu jorganizzawlhom ukoll mawriet f'postijiet storiċi, kulturali u oħrajn rikreattivi.



Lura Malta, kif għidna, dawn il-membri mbarkaw mill-ewwel fuq din il-ħidma ġdida tagħhom, billi bdew ronda fuq il-bajjiet u madwar l-ibħra territorjali. Bil-preżenza tagħhom tittajjar fuq l-ibħra, l-ewwel li kienu ħadu r-ruħ, kienu s-sajjieda Maltin, minħabba li sa dak iż-żmien ma tantx kellhom min jipproteġihom minn sajjieda barranin li safrattant, ġieli daħlu sa mal-bajjiet. Bihom, huma u oħrajn sabu wens li sa dak iż-żmien qatt ma kien għad

Advert

Advert

kellhom. Bastimenti tal-kuntrabandu, kienu bdew jirrealizzaw, li bl-operat ta' dawn il-ħelikopters Maltin, kienu ġew f'theddida, minħabba li issa setgħu jibdew jintlemħu minn distanzi 'l bogħod.



Il-ħarsien mit-tniġġis tal-ibħra territorjali, nistgħu ngħidu li b'dan il-mezz kien ukoll wieħed ta' suċċess; b'diversi kaptani tal-vapuri jitressqu l-Qorti. Kull tip ta' abbuż li kien hawn fl-ibħra territorjali tagħna, wieħed seta' jgħid li kienu qegħdin jiġu kkontrollati serjament.

Qasam ieħor importanti li kellha din is-sezzjoni, kien l-operat ta' salvataġġ; fejn minn inċidenti rappurtati fuq il-baħar, bdew jiġu salvati - bis-sehem tal-membri ta' din it-taqsima. Fost każi ta' salvataġġ li baqgħu jissemmew, kien hemm meta ġew salvati sitt persuni li kienu fuq jott 'il barra mill-ibħra territorjali, f'maltempata ta' riħ qawwi, 'l barra minn Għawdex. Każ ieħor kien f'Ġunju tal-1973, meta kien inkalja *cabin-cruiser* fl-ibħra viċin ta' Kemmuna.
Fost l-impenji minn lista b'sejħiet ta' emerġenza, kellhom it-trasportazzjoni tad-demm, mill-Isptar ta' Malta għal dak t'Għawdex.

Ftit wara t-twaqqif tas-sezzjoni, fl-1973 mal-erba' ħelikopters tal-flotta kien żdied ieħor *Jet- Type*, mogħti mill-Gvern Libjan. Dan kien akkwist ieħor importanti għas-sezzjoni. Permezz tiegħu kienu bdew isiru korsijiet adekwati, lokalment, li kienu ġew ipprovduti ukoll mill-istess awtoritajiet Libjani.

Il-Gvern Taljan kien offra wkoll l-għajnuna tiegħu ftit wara, billi beda jagħti *refresher courses* u oħrajn f'livelli aktar avanzati. Nistgħu ngħidu li ftit taż-żmien wara li ġew it-Taljani, huma kienu ħadu wkoll ir-responabbiltà ta' din it-taqsima.

Il-membri tal-Korp li kienu jagħmlu parti minn din is-sezzjoni u skont ir-rank li kellhom fiż-żmien partikulari, kienu s-Surġenti Muscat, Cachia, Smith, Micallef, Aquilina u l-Kuntistabblijiet Stivala, Incorvaja, Bonnici u Micallef Hawkes.

Min jinteressah, jista' jmur jara wieħed minn dawn il-ħelikopters, fil-Mużew tal-Avjazzjoni, Ta' Qali, li għadu wkoll f'kundizzjoni operattiva.

joseph.q.borg@gov.mt




The book costs €25 and will be on sale to the public from the Police Museum
General Headquarters, Floriana
For more information please contact the Police Museum on 2294 2247

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Dear All,
Thanks so much for your generous donation from the football tournament amounti
aid of Angela House.
We promise you our prayers.
God bless you all.
Sr Magdalene

Kunvent San Franġisk
Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1110 – Malta
Tel. 21234019
Email. saufrangiskvalletta@euvol.net

Ref. 130404

4 ta' April 2013

Lis-Supritendent
Għassa tal-Belt,
Valletta.

Supritendent,

Nirringrazzjak tal-messaġ tal-Għid il-Kbir li għoġbok tibgħat lill-komunita' tagħna tal-Belt. Il-Komunita' Franġiskana tapprezza l-ħsieb qaddis u ġentili tiegħek. Minn-naħa tagħna nweghdu dejjem lejalta' u koperazzjoni. Nieħu ukoll l-okkazzjoni biex nirringrazzjakom tas-servizz li tagħtu f'dan id-distrett.

Nitolbok twassal l-awguri tiegħi ta' ħidma fejjieda lill-ħ

Intom dejjem fit-talb tagħna.

Inselli għalik.

P. Arthur Joe Saliba

Fr Arthur Joe Saliba ofmconv
Gwardjan u Rettur

Attention: The Commissioner of Police

Dear Sir

Yesterday 27th March 2014, we (the Pieta/G'Mangia Ladies' Circle) visited the Police Museum. It was a very interesting experience and we really wish to congratulate you for this initiative.

We would like to thank SM Joseph Borg for his dedication during our stay at the museum and congratulate him for his knowledge of the subject as his explanation was detailed but very interesting at the same time.

We would also like to thank PS Godwin Grech for the refreshments. His staff and good self were very polite and courteous.

Our thanks also go to the police force for giving us this opportunity. May God bless the police for their dedication and sense of duty.

Regards
Francis Polidano
obo the Ladies' Circle

Josette Vella

With Immense appreciation and thanks to Police Constable
1193
and the emergency Line for their prompt and professional
intervention when needed.
Well done!!! L. A.

The Commissioner of Police
Police General Head Quarters
St, Calcedonius Square,
Floriana
Malta

20th Ja

Sir,

I wish to thank the officers that have helped us organize an event for
at Rabat and Mdina on 14th November 2014.

The officers involved where:
PS 1225
WPS 254
WPC 76
PC 721.

Their dedicated and efficient service were greatly appreciated,
event involved around 1000 young school-children in a prayer
safety measures and other concerns which the mentioned off
admirable way.

With best regards and grateful prayers

Paul Chetcuti

Fr Paul Chetcuti sj
SPIRITUAL DEVELOPMENT UNIT

li nhar is sibt

mmissarju tal pulizija Peter Paul Zammit
u noqghod
en Marita Galea
2 ta frar 2014 kelli accident fejn inqlibt bil karozza tieghi ~~fil limit ital buskett~~
B xorti tajba minn fuq il poast kien ghaddej is Seargent 1467 Paul Bonello fejn taghni l ewwel ghajnuna mehtiega .Dan informa mill ewwel il control room tal pulizija,lill ambulanza .lill protezzjoni civili u anki li ragel tieghi Dawn it telefonati saru kolla mill uzu tal mobile personali tieghu ghalkemm kien OFF DUTY xorta qeda dmiru bhala korp fil pulizija

Ftit hin wara waslu fuq il post zewg collegi tieghu PC 265 U PC 869 u bdew jassistuh sakemm waslet l ambulanza u haditni l isptar

Sur Kummissarju Peter Paul Zammit f ismi u f isem il familja tieghi nixtieqU li twasslilna dan ir ringrazzjament lill dawn it tliet persuni ta l ghajnuna li tawni specjalment lis Seargent 1467 Paul Bonello

Sur Kummissarju Peter Paul Zammit ahna kburin b nies bhal dawn u fiducja kbira lejn il korp

ng to Eur660 in

To whom it may concern, I want to give my appreciation and cooperation to Zejtun police station. Yesterday I made a report about a dog that was barking at whom passes in front of his owners garage . This matter happens all day long cause his owner leaves the dog on a loose chain and this dog is free about 2mtrs.You will be a hero if you manage to pass on the pavement without being barked or bitten. I give my regards to whom took the report seriously. Thanks for your cooperation again.

中华人民共和国驻马耳他大使馆

Paul Zammit
issioner
Police Force

September 30, 2013

Commissioner,

On behalf of the Chinese Ambassador to Malta H.E. Mr. Cai Jinbiao, I would like to convey the Embassy's deep appreciation and gratitude to you and to the Malta Police Force for your valuable support in our reception at the Corinthia Palace Hotel a few days ago to mark the 64th anniversary of the People's Republic of China.

The Police Force had been so kind and cooperative that a full band of 55 bandsmen was organized to stage a superb performance at the reception. Prior to that evening, the band had been summoned many times, in between their ponderous routine duties and frequent performance engagements, to rehearse on the Chinese national anthem as well as a number of Chinese folklore pieces provided by the Embassy. The Chinese Ambassador and his wife went to the Police Academy and enjoyed the rehearsal of the band two days before the event and were deeply impressed by their dedication and expertise. The band's performance at the reception itself was marvelous and majestic, especially the playing of the Chinese and Maltese national anthems. Our National Day Reception was rendered so much different because of the presence of the Malta Police Band.

I would like to make special reference to Inspector Anthony Cassar, the leader of the band, who has been instrumental in organizing the participation of the Malta Police Band at our event. His dedication, devotion and professionalism proved immensely helpful. We were all very touched as we learned that his wife was seriously ill in hospital on that very night of the reception while he insisted on duty. This has been a huge inspiration for us all. In this light I would like to pay our high tribute to Inspector Cassar

Thank you once again, dear Commissioner, for your kind understanding and support, and the mbassy looks forward to closer collaboration with you to aim for a stronger China-Malta lationship.

r Sincerely,

MADONNA TAL-GRAZZJA MARISKA ZABBAR-MALTA

GHAQDA
PELLEGRINAGG
MUTURI U ROTI
ZABBAR

PELLEGRINAGG ZABBAR MUTURI-ROTI-1951

17th September 2013.

The Commissioner of Police.
Police Headquarters,
Floriana.

Dear Sir,
Further to our request in our letter dated 10th July 2013, for the club to hold the Annual National Motor Cycling and Cycling Pilgrimages, we would like to Thank you very much for your help and assistance which was very much appreciated.

Yours Faithfully

Tarcisio Magri
(Secretary)

Copies sent to:
1. The Supt. Of Police. (Zabbar)
2. The Police Inspector I/C. (Zabbar)
3. The Supt. I/C Traffic. (H/Q Floriana)
4. Rev. Fr. S. Caruana Parish Priest Zabbar.
5. Local Council Zabbar.
6. Transport Malta Authority.

Good evening

to whom it may concern

I would like to thank both PS 1482 and PC 1413 for their help given to us during a recent accident when our vehicle was involved in a collision with 2 barriers in Aldo Moro Street, Marsa.

There help have been invaluable

Again, thank you so much. We sincerely appreciate.

Regards
Luke and Joseph

nuary 2014

school childre

especially since the
walk. This involved
icers addressed in an

To whom it may concern,

I am writing this e-mail in connection to a hold up at a which I was a victim to on Friday the 17th of January 2014.

I would like to truly thank everyone who worked swiftly and effectively on the case.

PS455 Emanuel Sammut of Mosta, Inspector Joseph Busuttil of Qawra and C.I.D. Inspector Joseph Mercieca did an outstanding job and I am very pleased with the outcome.

I felt safe and that I was in good hands throughout the whole process.

The positive work was much appreciated myself and the community.

Kindest Regards,
Fanech Adami

Dear Sir

I address your office to bring to your attention the valuable help my family got from Police Sargeant Valerie Farruga (wps215) in a robbery that my Aunt has sufferred on Tuesday 26 November 2013 in Gzira. Her understanding and committmnet to solve the case, and also get back the stolen belongings are certainly commendable and were highly appreciated.

As the person responsible for the police corps, on behalf of my family, I extend our gratitude for the much appreciated help.

Yours Truly

# Attivitajiet Sportivi fil-qrib

mill-Malta Police Sports Committee

## Snooker Marathon

Il-Kumitat Sportiv ħaseb li jorganizza *Snooker Marathon* għal membri kollha tal-Korp tal-Pulizija, liema maratona hija maħsuba biex jinġabru fondi għal minn hu l-aktar fil-bżonn.

Sabiex jinġabru l-flus għal dan il-għan il-kumitat sportiv qiegħed iħeġġeġ lill-membri tal-Korp jieħdu sehem f'din il-maratona kemm bħala parteċipanti, donaturi jew it-tnejn f'daqqa.

Il-maratona ser issir fuq erbat' ijiem kontinwi ta' logħob tas-*snooker* lejl u nhar bejn il-25 u t-28 ta' Novembru 2014. Il-logħob kollu ser isir ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Waqt din l-attività' soċjali bil-għan filantropiku, ser ikun hemm ukoll mużika li tagħti divertiment u ħajja tul il-maratona kollha.

Għalhekk il-kumitat iħeġġeġ lill-membri tal-Korp tal-Pulizija sabiex isibu ftit ħin u jilgħab logħba jew aktar sabiex il-maratona tikber u tkun waħda impenjattiva u ta suċċess. L-aktar importanti għal din il-maratona huwa li wieħed jieħu sehem, jissoċjalizza ruħu u fl-aħħar mill-aħħar jinġabru kemm jista jkun fondi.

Kull membru li jieħu sehem huwa mistenni li jħallas €5 u għal kull logħba li tintlagħab. Ser ikun hemm ħlas ta €1 minn kull *player*. Id-donazzjonijiet kemm dawk bħala parteċipazzjoni, tal-logħob u donazzjonijiet oħra huma miġbura għal għan wieħed biex jikber l-ammont ta' fondi miġbura.

Preferebilment, kull *player* għandu jkollu l-istikka tas-*snooker* tiegħu għalkemm stikkek ser ikunu għad-dispozizzjoni ta' kulħadd speċjalment għal dawk li m'għandhomx l-istikka tagħhom.

Sabiex din l-attività' tkun tikber u tkun ta suċċess, il-kumitat ħaseb li jonora lil dak il-membru li l-aktar ikun ħa sehem fil-maratona bi trofew ta' kommemorazzjoni tal-attività'. Il-kumitat jista' jirriserva li jagħti dan it-trofew jekk ikun hemm xi diffikultajiet mhux previsti.

Dawk kollha nterressati li jieħdu sehem għandhom jagħmlu kuntatt mas-Surġent Maġġur 241 Nicholas Farrugia, PS 1187 Omar Zammit jew PC 52 Emanuel Agius.



## *Charity Football Tournament*

Bħas-snin ta' qabel, ser jerġa' jsir it-turnament tal-*football* fil-perjodu ta' qabel il-Milied. Waqt iċ-*Charity Football Tournament* jinġabru fondi għal karita liema istituzzjoni benefiċjarja ser tiġi imħabbra aktar 'il quddiem. Dan it-turnament tal-*football* ser ikun organizzat fuq l-istess livell tas-snin ta' qabel imma ser jkun hemm xi emendi zgħar fir-regolament.

Dawk it-timijiet fi ħdan il-Korp tal-Pulizija interessati li jieħdu sehem, huma mitluba sabiex jagħmlu kuntatt ma PS 1187 Omar Zammit, PC 121 Josef Vassallo, jew PC 1250 Paul Saliba għal aktar tagħrif kemm kif wieħed għandu japplika u mhux l-inqas meta ser isir dan it-turnament u fejn ser isir. Huwa maħsub li dan it-turnament isir filgħaxijiet ġewwa l-faċilita sportiva f'Tal-Pieta.

## *10K / 5K / Walkathon*

Apparti minn dawn l-attivitajiet, il-Kumitat iddiskutta u ippjana attività' sportiva oħra b'differenza. Bl-għajnuna tal-atleta PC 376 Andrew Grech ġie imfassal pjan biex tkun organizzata tiġrija jew mixja (l-għazla hija tal-atleta) ta' 10K / 5K / Walkathon f'post li għad irid jiġi iddentifikat għalkemm diġa' hemm pjan ta' lokazzjoni partikolari. Din l-attività' kellha ssir fix-xahar ta' April ta' din is-sena imma minħabba l-impenji tal-Korp rigward l-elezzjonijiet tal-MEPs, kif ukoll minħabba l-attivitajiet tal-Korp tal-kommemorazzjoni tal-200 sena mit-twaqqif tiegħu, din l-attività' kellha tiġi pos-posta għal data oħra.

Dan l-aħħar, il-kumitat reġa' ddiskuta li wasal iż-żmien li din l-attività' tiġi organizzata għal membri tal-Korp tal-Pulizija.




Il-parteċipazzjoni ta kull membru tal-Korp tal-Pulizija f'attivitajiet sportivi huma mħeġġa bil-kbir, u fejn huwa possibbli l-kumitat jagħmel minn kollox sabiex l-attivitajiet issiru f'ambjent sportivi u ta' livell għoli.

Huwa daqstant ieħor importanti li kull membru tal-Korp parteċipattivi jagħti s-sapport tiegħu u jkun sportivament parteċipanti. Ħafna drabi, ir-riżultat aħħari li wieħed ikun fuq in-naħa tar-rebbieħa mhux l-akbar skop ta' dawn l-attivitajiet, imma, l-akbar riżultat pożittiv huwa li wieħed jipparteċipa u jkun attiv.

Il-Kumitat jorganizza l-attivitajiet sportivi wara li jkun ikkunsidra l-pożizzjoni tal-ħidmiet u doveri tal-Korp li dawn huma importanti biex inħarsu liċ-ċittadin minn kull theddida għas-sigurta tiegħu.

Madanakollu, l-membri tal-Korp huma mħeġġa li jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet sportivi u m'hemmx għalfejn li wieħed jkun tant intiz fid-dixxiplina sportiva partikolari.

Minħabba l-fatt li din l-attivita' s'issa qatt ma saret qabel, u/jew jekk saret, ilu s-snin li saret, il-kumitat jixtieq jieħu l-kummenti u s-suġġerimenti proattivi fuq din l-attivita'. Kull min huwa nterressat u/jew jixtieq aktar tagħrif, għandu jagħmel kuntatt ma kull membru tal-Kumitat fosthom u mhux l-inqas PC 376 Andrew Grech.

Ejjew inkunu aħna stess li nħeġġu lil sħabna jipparteċipaw. Aktar minnhekk, l-kumitat jinnota li l-parteċipazzjoni femminili hija waħda fqira u jappella li l-parteċipazzjoni tan-nisa tagħti spinta u kulur lid-dixxiplini sportivi organizzatti.

## Applikazzjoni Preliminari

Rank ……………………………………………

Isem u Kunjom ……………………………………………

Distrett u/jew Sezzjoni ……………………………………………

Attivita Sportiva (a) ……………………………………………

(b) ……………………………………………

(ċ) ……………………………………………

Kumment / Suġġeriment ……………………………………………

……………………………………………

……………………………………………

……………………………………………

Advert

# Id-95 anniversarju tal-Pulizija tal-Polonja – stedina mill-'IPA Poland'



Fix-xahar ta' Lulju, is-Surgent Maġġur George Attard u l-Kuntistabbli Leslie Schembri kellhom l-opportunità li jirrappreżentaw lill-*IPA Malta* u 'l Korp tal-Pulizija fl-okkażjoni tad-95 anniversarju tal-Pulizija tal-Polonja. IPA Malta rċeviet stedina minn *IPA Poland* sabiex tibgħat żewġ membri tal-Korp u membri tal-*IPA* sabiex jieħdu sehem f'din l-attività. Dawn il-membri kellhom biss iħallsu tal-vjaġġ. Din hi esperjenza sabiħa u tgħin sabiex persuna tiftaħ orizzonti ġodda u tagħmel ħbieb ġodda. *IPA Malta* hi kommessa li fejn ikun hemm opportunitajiet simili, tibgħat lill-membri tagħha barra l-pajjiż. Ir-riżorsi tagħna huma limitati iżda dan ma għandux ifixkilna milli noffru l-aħjar servizzi lill-membri tagħna.



**Esperjenza ta' PC Leslie Schembri, fi kliemu:**

"F'Lulju li għadda kelli l-opportunità nirrappreżenta lill-uniformi tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u pparteċipajt, flimkien ma' ħamsa u tmenin pulizija ieħor minn madwar id-dinja, f'żewġ parati mill-isbaħ madwar it-toroq prinċipali tal-belt kapitali tal-Polonja, Warsaw. Dawn il-parati kienu segwiti kemm min-nies tal-lokal, kif ukoll minn bosta turisti li kienu qed iżuru din il-belt mill-isbaħ. Waqt iż-żjara kelli l-opportunità nieħu sehem fl-attivitajiet li kienu organizzati fl-okkażjoni tal-*95TH POLISH POLICE JUBILEE*.



Waqt dawn l-erbat ijiem, minbarra l-attivitajiet li ħadt sehem fihom, kelli l-opportunità li niltaqa' u nagħmel ħbieb ma' pulizija oħra minn pajjiżi differenti u magħhom iddiskutejt fost l-oħrajn, il-vantaġġi u l-problemi li wieħed jista' jiffaċċja tul il-karriera pulizjeska.



Il-programm ta' attivitajiet kien wieħed ta' livell ferm għoli. Ħassejtni rispettat u sibt dejjem l-għajnuna li kelli bżonn min-naħa tal-Pulizija Pollakka. Għalija, din kienet esperjenza li dejjem xtaqt nagħmel. Sa minn mindu dħalt fil-Korp tal-Pulizija, xtaqt li nirrappreżenta lil pajjiżi. Din l-opportunità ngħatat lili mill-*IPA Malta*, kif ukoll grazzi għall-ħidma sfiqa tal-President tal-istess għaqda s-Sur Neville Mercieca, li nixtieq nirringrazzjah pubblikament."

Advert

*IPA Membership Cards*
Sistema Ġdida minn Jannar 2015

Bħalma tafu, minn Jannar 2015, *IPA Malta Section* sejra tintroduċi l-*Credit Cards Style membership cards* għall-membri kollha, u għat-tipi differenti ta' sħubija. Dawn il-*cards* sejrin jiġu manifatturati l-Ġermanja sabiex ikunu ugwali fl-54 pajjiż li qegħdin jieħdu sehem f'dan il-proġett. *Cards* li nħarġu fil-passat, u li huma validi għal 25 sena, ukoll sejrin jinbidlu għax ma għadhomx konformi mal-istatut nazzjonali u internazzjonali. Il-proċess sabiex dan it-tibdil iseħħ, diġà beda. Dawk il-membri li għandhom xi dettalji li nbidlu, huma ġentilment mitluba jikkuntattjawna fl-uffiċċju fil-Marsa.




Nixtiequ nerġgħu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li *IPA Malta* għandha biss uffiċċju fil-Marsa.

ipamalta@gmail.com

Advert

Eks Surġent Joe Borda, PRO/Ass.  Teżorier (M.A.R.P.O.)

# "Police Week 2014"



Din is-sena, il-Korp tal-Pulizija ċċelebra l-200 sena mill-fundazzjoni tiegħu, u għal daqshekk l-uffiċjali tal-Kunsill, flimkien mall-membri tal-M.A.R.P.O. ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru matul ix-xahar ta' Lulju.

Nhar il-Ħadd, 6 ta Lulju, saret quddiesa fil-kappella taċ-ċimiterju Santa Marija Addolorata b'suffraġju għal ruħ l-eks membri tal-Korp. Għal din il-quddiesa attendew l-Aġent Kummissarju Raymond Zammit u s-Sinjura Zammit, il-Ministru Dr. Emanuel Mallia u s-Sinjura Mallia, u numru sabiħ ta' uffiċjali tal-Korp. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mill-Kappillan tal-Korp, Fr. Ray Bonnici OFM Cap.

Wara l-quddiesa saret is-soltu ċerimonja fuq l-oqbra tal-eks membri tal-Korp, fejn tqiegħdu kuruni tal-fjuri fuq il-monument mill-Ministru Dr. Emanuel Mallia; l-Aġent  Kummissarju tal-Pulizija; *il-Malta Police Association; il-Malta Association of Retired Police Officers; l-International Police Association* u l-Akkademja tal-Pulizija.

Is-Sibt, 12 ta' Lulju, Jum il-Pulizija, saret quddiesa solenni fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fejn attendew il-President ta' Malta s-Sinjura Marie-Louise Coleiro Preca, l-Aġent Prim Ministru George Vella, il-Kap tal-Oppożizzjoni, Membri Parlamentari, Ambaxxaturi, Uffiċjali tal-Korp, u mistednin oħra.

Wara l-quddiesa, saret parata f'Misraħ San Ġorġ, fejn il-President ta' Malta, Eċċelenza tagħha Marie-Louise Colerio Preca, ippreżentat lill-Korp bi Standardi ġodda. l-Ispetturi Timothy Zammit u Nicholas Vella ġarru dawn l-Istandarti.



Is-Sibt, 5 ta' Lulju, kien hemm *Open Day* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn wieħed seta' jara wirja ta' vetturi antiki u moderni li jintużaw mill-pulizija; wirja ta' ritratti rigward ħidmet il-pulizija u xelter ta' żmien il-Gwerra.

It-Tnejn, 7 ta' Lulju, fil-Bank Ċentrali ta' Malta kien hemm ftuħ ta' esibizzjoni tal-Pulizija fil-*foyer*, u wara tnedija tal-munita kommemorativa ta' €2 u l-*album* dwar il-Pulizija ta' Malta.

Saru wkoll wirjiet mill-Banda tal-Pulizija; *Precision Drill Team*, u mis-Sezzjoni tal-Klieb f'Marsaskala, il-Belt Valletta, Buġibba u Għawdex.

Kien hemm tliet riċevimenti fil-*Vilhena Hall* għall-membri tal-Korp u Pensjonanti, li kienu t-Tlieta 1 ta' Lulju, l-Erbgħa 2 ta' Lulju u l-Ħamis 3 ta' Lulju.

Peress li dam ma ntbagħat il-programm uffiċjali, il-Kumitat ma kienx f'pożizzjoni li jibgħat is-soltu ċirkulari lill-membri tal-Għaqda.




**Il-Kawża**
Il-M.A.R.P.O. laqgħet b'dispjaċir, l-aħbar tal-mewt tal-Imħallef Gino Camilleri  u ttenni l-kondoljanzi lill-familjari.

Fir-rigward tal-kawża li kellna pendenti quddiem l-Imħallef Camilleri, wieħed irid jistenna li l-kawża tiġi assenjata lil Imħallef ieħor, bit-tama li tingħata s-sentenza, li hi mistennija.

**Ħarġa għal Għawdex**
Is-Sibt, 21 ta' Ġunju, ġiet organizzata ħarġa għal Għawdex. Din il-ħarġa hi popolari ma' bosta li jistennewha bil-ħerqa.

Mal-wasla Għawdex sibna xarabank tistenniena. Minn hemm morna r-Rabat għall-ħin liberu. Wara r-Rabat morna sal-

Bażilika ta' San Ġorġ, fejn kien hemm quddiesa fil-11am. Għall-ħabta tan-12.30 p.m., tlaqna għax-Xlendi, fejn aktar tard, għall-ħabta tas-siegħa, morna nieklu fir-*ristorant Seashells*.

Meta kulħadd lesta mill-ikel, morna sa Marsalforn għal ftit ħin liberu. Ġejna lura mal-vapur tas-sitta.

Kien hemm organizzata xarabank għal dawk li jippreferu ma jużawx il-vettura tagħhom saċ-Ċirkewwa u lura.

## Mill-Imgħoddi

Dan huwa programm ta' varjetà li kienet ġiet organizzata fid-Depot tal-Pulizija, dak iż-żmien, il-Belt, għall-bżonnijiet ta' St. Vincenz De Paul. Dan il-programm iġib id-data tas-16 ta` Mejju, 1924.

Il-programm kien jikkonsisti minn kant, mużika u reċta mill-Banda tal-Pulizija u mill-Malta Police Dramatic Company, li kienet taħt id-direzzjoni tal-Ispettur Lopez.


:: :: PROGRAMME :: ::

INTRODUCTION > MALTA POLICE BAND

TABLEAU "The Fortune Teller"

PART I.

1. CANTO

2. CANTO

TABLEAU

3. CANTO

4. PIANO SOLO

TABLEAU

5. COMIC SONG

6. CANTO

TABLEAU

7. VIOLIN SOLO

PART II.

The M.P.D.C. under the direction of Inspr. Lopez

WILL GIVE

"CULL PAR GHAL PARU"

VAUDEVILLE IN 2 ACTS

Words of Q.M.S. G. CAMENZULI

Music arranged by P. C. G. ZAMMIT

PERSONNEL

God Save The King

Ringrazzjament lis-Sur Alfred Debattista


Variety Entertainment

AT

THE POLICE DEPOT

(kindly lent by the Commissioner

IN AID OF

THE VALLETTA SOCIETIES

OF

ST. VINCENT DE PAUL

FRIDAY 16TH MAY 1924

AT 8 P.M.

facebook

Tista' ssibna ukoll fuq il-FaceBook
www.facebook.com/groups/169033156537654/

Advert


Ex Pc 801 Joseph Agius
1931 – 2014
1951 – 1976


Ex Pc 1432 Emanuel Micallef
1955 – 2014
1987 – 1913


Ex Ps 61 Joseph Micallef
1937 – 2014
1956 – 1981


Ex Pc 118 & 166
Joseph Camilleri
1937 – 2014
1957 – 1980 & 1987 – 1991


Ex Ps 766 Gejtu Cuschieri
1933 – 2014
1951 – 1976


Ex WSM 45
Maria Teresa Bartolo
1961 – 2014
1982 – 2009


Ex Pc 319 John Bosco Vella
1936 – 2014
1956 – 1982


Ps 1417 Stephen Tarpey
1967 – 2014
1987 – 2014
(serving)


Ex Pc 953 & 1480 Carmelo Agius
1934 – 2014
1955 – 1980
1987 – 1995


Ex 2/SM 652 Alfred Stivala
1942 – 2014
1965 – 1990


Pc 18 Christian Mifsud
1969 – 2014
1995 – 2014
(serving)


Ex WPC 189 Victoria Gili
1967 – 2014
1993 – 2014
(Serving)

*Agħtihom, O Mulej*
*il-Mistrieħ ta' Dejjem*

Advert

Advert Outside Back